**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 03/10 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 04/02/2010 fis-06.45pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Preżenti |
| | | Darmanin Richard | Assenti |
| | | Fenech Stephanie | Assenti minħabba laqgħa tal-PL |
| | | Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| | | Pace Darrell | Preżenti |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**03. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Proponent:Camilleri<br>Sekondant: Wille Piscopo | **Il-Minuti 02/10 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 02.2.2 | Minflok 'Kindergarten', tidħol 'Skola Primarja B" | | |
| | 02.11.8 | mhux 'Triq Falkunier' iżda 'Triq il-Qadi' | | |
| 03. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**03. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 1 | 02.2.1 | Sindku: Rapport - Greenpak | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li l-kuntratt mal-Greenpak għadu ma ġiex iffirmat. Għada ser jasal il-Kunsill il-materjal u l-boroż għal sitt xhur li ser jitqassmu fid-djar fil-ġimgħat li ġejjin mis-sotto kumitat tal-familja. | Segretarjat |
| | | | Fil-laqgħa preċedenti l-Viċi-Sindku kienet irrimarkat li l-bring in site fi Triq il-Labour għax ma tkunx esklussivament għall-użu taż-Żwieten. Wara diskussjoni li saret, ġie deċiż li tiġi spezzjonata l-area ta' Triq il-Labour sabiex jinstab post adattat għal bring in site ġdida. | Sindku |
| | | | Is-Sindku talab lil Camilleri jinvestiga dwar skola primarja B peress li meta is-Sindku u l-Viċi-Sindku iltagħu ma' tfal il-mużew sabiex jispjegawlhom dwar is-separazzjoni ta' l-iskart, ħareġ li din għandha bin wieħed. Hawnhekk il-Viċi-Sindku pproponiet li ssir attivita' dwar separazzjoni u din id-darba l-biros imorru għall-istudenti ta' Skola Primarja B. | Viċi-Sindku<br>Camilleri |
| 03. 2. 2 | 02.2.2 | Camilleri: Attivita' tal-Karnival | Camilleri informa lill-Kunsill li kellu talba għall-għajnuna sabiex tittella' attivita' tal-karnival fi Skola Primarja B. Is-Sindku talab lil Camilleri iġib aktar dettalji u jekk il-Kunsill jaqbel l-attivita' issir bejn il-Kunsill u l-istess skola. | Camilleri |
| 03. 2. 3 | 02.2.3 | Viċi-Sindku: Lista ta' gradwati | Peress li ma kellniex informazzjoni ulterjuri dwar l-istudenti li ggradwaw f'Novembru, il-Viċi-Sindku ser tkellem lill-Kummissarju tat-Tfal peress li din ta' l-aħħar kienet wegħdet li se ningħataw l-informazzjoni rikjesta. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2. | 4 | 02.2.5 | Viċi-Sindku: Cameras fi Ġnien tal-Kmandant | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret spezzjoni mid-Dedicated Micros dwar il-cameras fi Ġnien San Girgor. Dwar id-dome li hemm preżentement fuq il-kiosk tista' tiġbed minn 14 -il post differenti. Magħha jistgħu jiżdiedu 4 cameras oħra. Din is-sistema tista tiġi aċċessata mid-dar permezz ta' l-internet u password. Dwar il-ġnien tal-Kmandant isSindku ssuġerixxa li jista' wkoll isir dawl bis-sensors sabiex dak li jkun, ikun aktar rikonoxxibbli. | Sindku Viċi-Sindku |
| 03. | 2. | 5 | 02.2.6 | Sindku: Xogħlijiet f'diversi toroq | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq Anġlu Gatt tlesta filwaqt li dak fi Triq Falkunier jinsab fi stat avvanzat. Is-Sindku talab sabiex tinkiteb ittra lill-Perit Gordon Zammit ta' Tm ħalli jkun magħruf meta ser jibda x-xogħol fi Triq Orazio Diacono. | Segretarjat |
| 03. | 2. | 6 | 02.2.7 | Sindku: Kwotazzjonijiet għal Solar water pump | Is-Sindku staqsa jekk iltaqax l-adjudicating board sabiex jiddiskuti l-kwotazzjonijiet li daħlu għall-provvista ta' solar water pump. Ir-risposta kienet fin-negattiv. **Għaldaqsant ġie deċiż li l-adjudicating board jiltaqa' għada sabiex jiddiskuti din il-materja.** | Sindku Viċi-Sindku Wille Piscopo |
| 03. | 2. | 7 | 02.2.8 | Sindku: Triq President Anton Buttiġieġ | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li ż-żebgħa li kellha ssir mit-TM fi Triq President Anton Buttiġieġ saret. Camilleri irrimarka wkoll li sar l-ispeed limit biż-żebgħa ta' 50km/hr. Is-Sindku rrimarka li waslulu lmenti mir-residenti li t-traffic calming biz-zebgha ma' l-art mhux effettiv mingħajr nfurzar strett u għandna naraw għaliex il-mobile speed camera tal-Pulizija m'ghadhiex tintuza. Inħolqu problemi ukoll fid-dħul u l-ħruġ tal-garaxxijit u deher ċar li s-soluzzjoni finali hija dik li saħaq dejjem fuqha l-Kunsill jiġifieri li għandha titwessa t-triq biex issir *service road* għar-residenti. | Sindku Darmanin |
| 03. | 2. | 8 | 02.2.9 | Pace: WIFI | Pace ġie infurmat mill-Ministeru li l-Kunsill irid isib sponsor li jiffinanzja s-sistema tal-WIFI. Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk l-MCA tatx sponsor lill-Kunsilli Lokali oħra jew le. Dan irid jiġi verifkat ma' l-istess MCA. | Segretarjat |
| 03. | 2. | 9 | 02.2.10 | Pace: Monti | Pace informa lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda żviluppi dwar it-tkabbir tal-monti taż-Żejtun. | Pace |
| 03. | 2. | 10 | 02.2.12 | Seychell: Ħal Tmiem | Seychell informa lill-Kunsill li t-trakk għadu mitluq fl-itess post għalkemm il-pulizija jafu bil-każ. Is-Sindku irrimarka li hemm trakk mitluq fi Triq Xrobb l-Għaġin u l-Viċi-Sindku semmiet trakk b'karozza fuqu fi Triq il-Labour. Is-Sindku talab sabiex ikunu avviċinati l-Ispettur Mercieca u is-Supretendent Vella Gregory dwar dawn l-abbużi. | Sindku Darmanin |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2. | 11 | 02.2.13 | Viċi-Sindku: Triq id-Dullieġħ | Peress li s-sitwazzjoni fi Triq id-Dullieġħ baqgħet l-istess, il-Viċi-Sindku talbet li dan il-każ ikun maħruġ fil-media. Il-Kunsill semma wkoll in-nuqqas ta' green wardens madwar il-lokalita'. Fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-pulizija reġgħu ingħataw id-dettalji ta' dan il-każ. Il-Viċi-Sindku rrapurtat ukoll li karozza tal-linja qed tkun ipparkjata ta' spiss ħdejn il-knisja tal-Madonna tal-ħniena li tista' isservi bħala lok ta' abbuż. Hi stess irrapurtat lill-pulizija. | Sindku Darmanin |
| 03. | 2. | 12 | 02.3.4 | Sindku: Triq Toni Zahra | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li l-pulizija talbu sleeping policeman fi Triq Toni Zahra k/m Triq Hal Tarxien. Wille Piscopo irrimarkat li kienet talbet sleeping policemen f'diersi postijiet . Is-Sindku qal li għandha issir is-sleeping policemen li nqalgħet minn Triq Madonna tal-Ħniena u fuq talba taz-Zejtun Home ser issir waħda fid-dħul tad-Dar ta' l-Anzjani filwaqt li tinqala dik ta' Triq Santa Katarina quddiem il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu biex issir waħda aħjar. Seychell irrimarka li ilu snin jitlob għal sleeping policeman fi Triq Sant'Antnin u oħra fi l-bidu ta' Triq Bugħarbiel. Kien hemm qbil li dawn isiru. | Darmanin |
| 03. | 2. | 13 | 02.2.7 | Sindku: Stedina | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li kellu stedina sabiex jitkellem fuq programm televiżiv 'Perspettivi'. | Sindku |
| 03. | 2. | 14 | 02.11.4 | Viċi-Sindku: Użu tas-Sala minn minn Brian Tonna | Il-Viċi-Sindku irrapurtat lill-Kunsill li s-Sur Brian Tonna beda jagħmel użu mill-gym f'San Girgor fejn dan ġibed l-attenzjoni dwar locker miftuħ. Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tissewwa s-serratura imkissra tal-bieb ta' qabel is-shutter. Is-Sindku qal li hemm bżonn li jkun hemm persuna responsabbli minn dan il-post. | Sindku |
| 03. | 2. | 15 | 02.11.14 | Sindku: Żjara tal-President | Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-dati l-ġodda li fihom il-President ta' Malta ser iżur iż-Żejtun huma bejn it-13 u s-16 ta' Mejju, 2010. Fit-13 fis-Sala Parrokkjali l-President jiltaqa' mal-Kunsill kif ukoll ma' l-ngo s tal-lokal filwaqt li fis-16 fit-8am issir quddiesa wara żjara lill-għaqdiet mużikali. Hemm ukoll proposta li l-President jiltaqa mat-tfal tan-Nursery taż-Żejtun. Dan jista' jsir fi Ġnien iż-Żgħożija li jista' jiġi nawgurat dak inhar. | Sindku |
| 03. | 2. | 16 | 02.11.15 | Seychell: Isem ta' Ġnien Brejġu | Seychell informa lill-Kunsill li fl-inħawi kien jeżisti Sqaq Brejġu li sal-lum -il ġurnata għad hemm żebgħa li juri dan l-isem. | |

**03. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 3. | 1 | 01 | MEPA: PA05328/09, PA05052/09, PA5464/09 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan is-sit jinsab fil-village core u għalhekk għandu jinżamm it-texture u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 3. 2 | 05 | DLG: Memo 20/2010 Rapport dwar l-effiċenzja | Is-Sindku talab li tinkiteb ittra lid-DLG dwar it-tnaqqis ta' punti fir-rigward ta' l-għeluq u l-ftuħ tal-latrina tas-Suq. Din il-latrina tinfetaħ kull nhar ta' Erbgħa meta jkun hawn is-Suq filwaqt li fil-jiem l-oħra tingħalaq peress li m'għandiex attendant u għaldaqstant ikun evitat li jsiru l-abbużi. | Sindku Hales |
| 03. 3. 3 | 06 | DLG: Memo 21/2010 Fondi għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar | **Il-Kunsill qabel li jissottometti ċ-Ċentru Arti u Artiġjanat sabiex jikseb fondi għar-restawr ta' l-istess sit.** | Sindku |
| 03. 3. 4 | 11 | DLG: Memo 26/2010 Taxxa fuq l-Allowance lill-Kunsillieri | **Fid-dawl ta' l-eżistu tal-memo dwar it-taxxa fuq l-allowance lill-kunsillier, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-AKL dwar id-diżapprovazzjoni tiegħu u x'passi ser jittieħdu f'dan ir-rigward permezz ta' l-istess assoċjazzjoni.** | Segretarjat |
| 03. 3. 5 | 16 | DLG: Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet fl-2010 | Dwar Żejt iż-Żejtun, il-Kunsill sostna li għandha issir fid-dati oriġinarjament imħabbra mill-Kunsill fil-bidu ta' l-2009. | Sindku Viċi-Sindku |
| 03. 3. 6 | 17 | Ms Muriel Thake: Triq Santa Marija | Dwar il-permess li talbet Ms Thake ghall-bankina quddiem 183/4 fi Triq Santa Marija, **il-Kunsill qabel li dan ghandu jsir biss bl-approvazzjoni tal-MEPA.** | |

**03. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 03. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 03/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 03. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 03/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 03. 4. 4 | | Petty Cash għal Jannar 2010 | **Il-Kunsill approva nem.con. Il-petty cash li ntefaq f'Jannar 2010 li kienet jammonta għal €175.45** | Segretarjat |

**03. 5. Laqgħa Annwali - 18 ta' Frar 2010**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 5. 1 | | Sindku: Rapporti tal-Kunsilliera | Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex jissottomettu r-rapporti tagħhom lis-Segretarjat kemm jista' jkun malajr. Sar ukoll qbil sabiex ġurnata qabel il-laqgħa pubblika isir avviż fuq radju Malta, radju 1 u radju 101. | Sindku |

**03. 6. L-Uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 6. 1 | | | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill tlesta u għalhekk l-uffiċċju tas-sigurta' soċjali beda jopera mill-1 ta' Frar kif kien miftiehem. | Sindku |

**03. 7. Pjazza Repubblika**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 7. 1 | | Sindku | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li wieħed mill-proġetti li qed joħroġ id-DLG minn żmien għal żmien, ser ikun jikkonċerna lill-pjazzez. Annessi jrid ikun hemm il-permessi tal-MEPA u ċertifkat mill-Perit. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jissottometti l-pjanti quddiem il-MEPA sabiex Pjazza Repubblika tiġi riabilitata**. Is-surfacing il-ġdid għandu jkun bil-lava, isiru bankijiet ġodda, il-ħajt bil-kolonni jiġi ddrittat biex jiġi parallel mal-knisja u terġa issir l-għajn li kien hemm fuq il-bankina. Dwar dan il-MEPA kienet diga' ħarġet il-peremss snin ilu iżda l-proġett ma sarx minħabba nuqqas ta' fondi. Dan il-permess ma ggeddidx u għalhekk trid issir applikazzjoni mill-ġdid. Għaldaqstant ġie msejjaħ il-Perit Zammit sabiex jissottometti l-pjanti konċernati liema pjanti ser jingħataw ukoll lill-Għaqda Mużikali Beland u l-Parroċċa. L-attivitajiet li jsiru matul is-sena m'għandhomx ikunu mfixxkla minn dan il-proġett. Il-proġett isir jekk il-Kunsill jingħata l-fondi għalih. | Sindku |
| 03. 7. 2 | | | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Parroċċa kellha proposta sabiex isir pedestal bil-bust ta' Girgor Bonici kantuniera fejn ser issir il-funtana. Seychell staqsa jekk dan hux ser isir mal-linja ta' l-istatwi l-oħra li diġa' hemm. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. Seychell staqsa wkoll jekk hux ser isir it-taraġ taz-zuntier possibilment fejn huwa mkisser. Is-Sindku wieġeb li it-taraġ huwa propjeta' tal-Knisja u għaldaqstant mhuwiex inkluż fil-proġett. Seychell staqsa jekk il-ġibjun ta' taħt il-knisja għandux bżonn xi tiswijiet. Is-Sindku qal li m'hemmx ħsara u s-saqaf ta' l-istess ġibjun mhuwiex kundannat iżda ma jiflaħx karozzi fuqu minħabba l-mod kif inhu mibni.<br><br>Is-Sindku hawnhekk rraporta ukoll il-laqgħa li saret ma' l-Għaqda Mużikali Beland li ġew infurmati bil-proposta għar-restawr ta' Misraħ ir-Repubblika u ġew klarifikati l-punti kollha dwar Żejt iż-Żejtun. | |

**03. 8.** **Preżentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Annwali - 2009**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 8. 1 | | Segretarjat | Is-Segretarjat ippreżentat ir-rapport finanzjarju annwali tal-perijodu April - Diċembru 2009 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ingħata rapport dettaljat tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill. | Sindku<br>Segretarju<br>Eżekuttiv |
| 03. 8. 2 | | | **Il-Kunsill approva dan ir-rapport u għaldaqstant is-Sindku u s-Segretarjat Eżekuttiv iffirmaw l-istess rapport.** | |

**03. 9.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** |
|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 9. | 1 | | Sindku: Kwotazzjonijiet għall-provvista u tqegħid ta' madum għaċ-CDCC | Peress li ma daħlux kwotazzjonijiet għall-provvista u tqegħid ta' madum għaċ-CDCC, is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iġibu kwotazzjonijiet. Intalbet pjanta tad-dawl lill-Perit Zammit filwaqt li intalbet stima u pjanta mingħand Silvar Construction. **Ġie deċiż li l-Kunsill japplika mad-DLG sabiex iċ-CDCC ikun aċċessibli.** | Viċi-Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 9. | 2 | | Sindku:Tender 01/2010 Street LED Lanterns | Is-Sindku ippreżenta quddiem il-Kunsill l-offerti li nfetgħu għal Tender 01/2010. L-Adjudicating Board ta l-perspettivi tiegħu rigward l-offerti li ntefgħu u wasal għal konklużjoni li jitlob garanzija lill-*bidders* kollha. Dan hija essenzjali għaliex dan it-tip ta' dawl huwa ġdid. | Segretarjat |
| **03.** | **11.** | | | **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 11. | 1 | | Wille Piscopo: *No smoking signs* | Wille Piscopo issuġeriet li jsiru tabelli biex ma jsirx tipjip ħdejn il-playingfields. | Hales |
| 03. | 11. | 2 | | Pace: Sewqan Abbużiv | Pace informa lill-Kunsill li kellem lill-Ass Kummissarju J.Brincat dwar sewqan abbużiv fil-weekends b'mod speċjali fi Triq Cachia Zammit, Triq Labour u Triq Toni Zahra. Is-Sindku staqsa jekk għadhomx jeżistu l-*mobile cameras* tal-pulizija. Jekk dawn għadhom jeżistu jista jsir użu tajjeb minnhom fi Triq President Anton Buttiġieġ. | |
| 03. | 11. | 3 | | Camilleri: Fanali Antiki | Camilleri staqsa jekk instabx kuntrattur li jissupplixxi fanali antiki bħalma twaħħlu fil-village core. Is-Sindku wieġeb li skond it-tenders li daħlu ta' l-street led lanterns, jider li hemm min iġibhom u nitolbu kwotazzjoni. Camilleri talab sabiex issir bozza ġdida fi Triq Hector Dalli faċċata ta' Triq Serafin Xuereb u oħra fil-parti t'isfel ta' Triq San Klement filwaqt li jsir street lighting kompletament ġdid fi Triq ġdida u bla isem wara Triq Falkunier. | Sindku |
| 03. | 11. | 4 | | Camilleri: Roundabout biż-żebgħa | Camilleri talab sabiex ir-roundabout li saret biż-żebgħa fi Triq Xrobb l-Għagin k/m Triq President Anton Buttiġieġ issir bil-gebel. Is-Sindku wieġegb li dan mhux possbli peress li tal-linja u vetturi kbar ma jdurux. | Darmanin |
| 03. | 11. | 5 | | Camilleri: Vjal 25 ta' Novembru | Camilleri talab sabiex nitolbu l-Gvern Ċentrali ħalli bħalma sar f'diversi inħawi, isir patching estensiv fi Vjal 25 ta' Novembru quddiem il-pompa tal-petrol. Is-Sindku talab sabiex jiżdiedu Triq A. Cachia Zammit u Triq Labour. | Sindku |
| 03. | 11. | 6 | | Camilelri: Tabella tat-Traffiku | Camilleri għamel referenza għat-tabella li twaħħlet reċentement wara l-knisja 'give way to oncoming taffic' sabiex din titwaħħal fil-kantuniera tal-knisja. | Darmanin |
| 03. | 11. | 7 | | Seychell: Zebra crossing wara l-knisja | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tabella, dawl u flickers neqsin taz-zebra crossing wara l-knsija fi Triq San Girgor. Il-Kunsill innota li għandu diversi talbiet quddiem l-Tm sabiex isiru zebra crossing madwar il-lokalita' li uħud minnhom ilhom aktar minn sentejn. | Darmanin |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. | 11. 8 | Seychell: Vestru l-Għannej | Seychell staqsa lill-Kunsill jekk il-Kunsill għandux quddiemu xi applikazzjoni dwar Vestru l-għannej. Is-Sindku spejga li l-applikazzjoni saret mill-qraba tiegħu quddiem il-MEPA. | |
| 03. | 11. 9 | Seychell: Medalja Ġieh iż-Żejtun | Seychell staqsa fejn ser tinħadem il-medalja ta' Ġieh iż-Żejtun. **Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li jkellem lil Tarcisio ta' Vjal 25 ta' Novembru.** | Seychell |
| 03. | 11. 10 | Viċi-Sindku: Attivita' Żejt izż-Żejtun | Bi preparazzjoni għall-attivita' Żejt iż-Żejtun 2010, il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li dalwaqt li ser jibdew isiru l-laqgħat dwar din l-attivita'. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 03. | 11. 11 | Viċi-Sindku: Leaflet tal-Ġigmha l-Kbira | **Il-Kunsill approva li għal darb'oħra isiru l-leaflets tal-ġimgħa l-kbira u titella' wirja fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat bl-istess tema.** | Viċi-Sindku |
| 03. | 11. 12 | Viċi-Sindku: Jum Il-Mara | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li għall-okkażjoni ta' Jum il-Mara, ser issir żjara lill-mara tal-President u kif ukoll żjara fl-Istitut ta' l-Ursolini. | Viċi-Sindku |
| 03. | 11. 13 | Viċi-Sindku: Tabelli ta' l-Exhaust | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir laqgħa ma' l-Mt ħalli t-tabelli biex il-karozzi jipparkjaw b'wiċċhom 'l barra tiddaħħal fil-highway code. | Darmanin |
| 03. | 11. 14 | Sindku: Laqgħa - MEPA - Powerstation | Is-Sindku ta rapport tal-laqgħa li saret fil-MEPA dwar il-powerstation 'l ġdida. Mil-laqgħa ħareġ li ser jitwaqqaf Monitoring Board minħabba l-emissjonijiet li se tipproduċi l-powerstation 'l ġdida li ser taħdem permezz ta' heavy fuel diesel engine u emission abatement equipment li ser jitħaddmu flimkien l-ewwel darba fil-power station il-ġdida. Fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill għandu jiddeċiedi jkunx rappreżentat fil-monitoring board jew le flimkien mal-lokalita' ta' Marsaxlokk u B'Bugia. | Sindku |
| 03. | 11. 15 | Sindku: Applikazzjonijiet Clerk part-time | Is-Sindku fakkar li l-Bord ta' l-Għażla (Sindku, Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Wille Piscopo fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv) ser jiltaqa' għada l-ġimgħa 5 ta' Frar biex jintervista l-applikanti. Minn 23 li pproponiet l-E.T.C. għaxra biss bagħtu s-C.V. tagħhom. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.25pm. Laqgħa oħra ser issir fit-18 ta' Frar 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun wara l-laqgħa pubblika.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv